



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Frar 2024
(OR. en)

5999/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0029(COD)

POLCOM 36
COEST 88
CODEC 226
AGRI 70

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 51 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 51 final.

Mehmuż: COM(2024) 51 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.1.2024
COM(2024) 51 final

2024/0029 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna li ilha għaddejja mill-24 ta' Frar 2022 qed tkompli jkollha impatt negattiv profund fuq il-kapaċità tar-Repubblika tal-Moldova ("il-Moldova") li tagħmel il-kummerċ mal-bqija tad-dinja. Il-Moldova kienet kapaċi torjenta mill-ġdid parti mill-kummerċ estern tagħha lejn l-UE jew mit-territorju tagħha, parzjalment bħala riżultat tal-miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li ġew stabbiliti mill-UE minn Lulju 2022. Barra minn hekk, il-Moldova għandha rwol importanti fil-funzjonament tal-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna, billi tiffaċilita t-tranżitu tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet Ukreni mit-territorju tagħha, inkluż, pereżempju permezz tal-implimentazzjoni tal-Ftehim bejn l-UE u l-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq¹.

Ir-Regolament (UE) 2023/1524 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023² dwar il-miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mill-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni") - li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles profonda u komprensiva (DCFTA) - daħal fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2023 u se jibqa' fis-seħħ sal-24 ta' Lulju 2024. Dawn il-miżuri pprovdew flessibbiltà u ċertezza għall-produtturi tal-Moldova u komplew japprofondixxu r-relazzjonijiet kummerċjali tal-Moldova mal-UE u appoġġjaw l-ekonomija tagħha.

Madankollu, is-sitwazzjoni għadha estremament diffiċli u għalhekk il-Moldova talbet lill-UE żżomm il-kundizzjonijiet attwali biex tippermetti lill-pajjiż ikompli l-kummerċ tiegħu mal-UE u mal-bqija tad-dinja mit-territorju tal-UE.

Minħabba l-gwerra ta' aggressjoni li għadha għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-impatt li għadu għaddej fuq il-Moldova, u meta jitqies li l-Moldova nġhatat status ta' kandidat tal-UE f'Ġunju 2022 u li n-negozjati dwar l-Adeżjoni nfetħu f'Diċembru 2023, il-Kummissjoni tipproponi Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li se jġedded dawn il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għal perjodu ta' sena mid-data li fiha jiskadu l-miżuri attwali (jiġifieri mill-25 ta' Lulju 2024). Il-miżuri jenħtieġ li jieħdu l-forma ta' sospensjoni temporanja tat-tariffi pendenti kollha skont it-Titolu V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Dan jikkonċerna l-frott u l-ħxejjex soġġetti għas-sistema tal-prezz tad-dħul u seba' prodotti

¹ Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1165 tas-27 ta' Ġunju 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 181, 7.7.2022, p. 1-3) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2417 tal-5 ta' Diċembru 2022 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq (ĠU L 318, 12.12.2022, p. 1-3), kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 2/2022 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-15 ta' Diċembru 2022 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim (ĠU L 79, 17.3.2023).

² Ir-Regolament (UE) 2023/1524 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 1).

agrikoli soġġetti għal kwoti tariffarji (it-tadam, it-tewm, l-għeneb tal-mejda, it-tuffieħ, iċ-ċirasa, l-għanbaqar u l-meraq tal-għeneb).

Dawn il-miżuri temporanji u eċċezzjonali se jiżguraw li l-flussi kummerċjali eżistenti mill-Moldova lejn l-UE jkunu jistgħu jkomplu, u dan se jappoġġja l-ekonomija tal-Moldova. Dan huwa konformi ma' objettiv ewlieni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jiġifieri li jistabbilixxi kundizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa li jwasslu għall-integrazzjoni gradwali tal-Moldova fis-Suq Intern tal-UE u jikkontribwixxi għat-tiġid tad-demokrazija u għall-istabbiltà politika, ekonomika u istituzzjonali fil-Moldova.

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stabbiliti f'din il-proposta għal Regolament huma konformi mal-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li fih impenn ta' rispett tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll li jiġu miġġielda l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, materjali relatati u l-mezzi ta' twassil tagħhom. Barra minn hekk, skont l-istess Artikolu, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom b'mod partikolari favur ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba, favur il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-attivitajiet kriminali, organizzati jew le, inklużi dawk ta' natura tranżnazzjonali, u t-terroriżmu, kif ukoll favur il-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv. Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ infushom jeħtieġu, bħala prerekwiżit, li jirrispettaw dawn l-elementi essenzjali u l-prinċipji ġenerali.

Barra minn hekk, il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ deskritti f'din il-proposta għandhom l-għan li jiżguraw, f'konformità mal-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li l-politika kummerċjali komuni tal-UE titwettaq f'konformità mal-prinċipji u l-obiettivi tal-azzjoni esterna tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Skont il-proposta, se japplika mekkaniżmu ta' salvagwardja abbażi ta' monitoraġġ regolari, li jippermetti li tiġi imposta kwalunkwe miżura li tkun meħtieġa.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Dawn il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ huma konsistenti mal-Ftehim u b'mod partikolari mat-Titolu V li jistabbilixxi DCFTA, li jipprevedi li l-Partijiet se jistabbilixxu progressivament żona ta' kummerċ ħieles fuq perjodu tranżitorju ta' massimu ta' 10 snin li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dak il-Ftehim (l-Artikolu 143 tal-Ftehim).

Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) 2023/1524 ħareġ fid-dieher l-impenn qawwi tal-UE li tappoġġja lill-Moldova ekonomikament permezz tal-kummerċ internazzjonali fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-tiġdid tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ ikun żvilupp loġiku ta' din il-politika.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-UE kkundannat bil-qawwa l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u ħadet passi sinifikanti biex tappoġġja lill-Moldova f'din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, inkluż l-għoti ta' appoġġ umanitarju u fil-fruntieri addizzjonali, assistenza makrofinanzjarja u miżuri biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ matul dan iż-żmien diffiċli. Barra minn hekk, il-Moldova ngħatat l-istatus ta' kandidat tal-UE f'Ġunju 2022 u n-Negożjati tal-Adeżjoni nfetħu f'Diċembru 2023. Ir-Regolament propost għalhekk jikkonforma mal-obbligu tal-Unjoni skont l-Artikolu 21(3) TUE li tiżgura konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha, kif ukoll mal-Artikolu 207(1) TFUE li jipprevedi li l-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq f'konformità mal-prinċipji u l-obiettivi tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 207(2) tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-politika kummerċjali komuni, skont l-Artikolu 3(1)(e) tat-TFUE, hija definita bħala kompetenza esklużiva tal-UE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija meħtieġa biex timplimenta l-politika kummerċjali komuni u biex tappoġġja lill-Moldova ekonomikament fid-diffikultajiet attwali tagħha, anke fil-qasam tal-kummerċ mal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 207(2) tat-TFUE u taqa' taħt il-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għall-Moldova jkomplu wara l-iskadenza tar-Regolament (UE) 2023/1524 fl-24 ta' Lulju 2024, huwa importanti li r-Regolament jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2024. Minħabba din il-ħtieġa u l-urġenza li rriżultat ta' din il-proposta, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt għall-miżura inkwistjoni. Madankollu, id-dispożizzjonijiet kummerċjali u relatati mal-kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt fuq is-sostenibbiltà kkummissjonata u ppubblikata mid-DĠ Kummerċ fl-2012 li kkontribwixxiet għall-proċess ta' negozjar tad-DCFTA. Dan l-istudju kkonferma li l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-kummerċ u relatati mal-kummerċ ikollhom impatt ekonomiku pożittiv kemm għall-UE kif ukoll għall-Moldova.

Barra minn hekk, il-flussi tal-importazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/1524 qed jiġu mmonitorjati u rrapportati regolarment, f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament. Il-monitoraġġ ma weriex evidenza *prima facie* ta' effetti negattivi fuq is-Suq tal-Unjoni.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżura ma żżidx il-piż regolatorju għall-kumpaniji.

- **Drittijiet fundamentali**

Dawn il-miżuri jirrispettaw il-prinċipji bażiċi minqusa fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. B'mod partikolari, ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali (l-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni).

Il-miżuri jkunu wkoll konformi mal-Karta Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Skont stima bbażata fuq l-importazzjonijiet tal-Moldova tal-prodotti kkonċernati fl-2021, li kienet l-aħħar sena qabel ma ġew introdotti l-miżuri kummerċjali awtonomi, l-UE se tara telf ta' dħul doganali li jikkorrispondi għal madwar EUR 0,3 miljun fis-sena. Għalhekk, l-impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-UE se jkun limitat ħafna.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapportar online dwar l-evoluzzjoni tal-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Moldova huwa disponibbli fuq paġni web iddedikati tal-Kummissjoni Ewropea (europa.com). Il-monitoraġġ regolari tal-impatt tar-Regolament li jqis l-informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet, il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni tal-prodotti suġġetti għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għandu jsir kull xahrejn.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' kriżi fil-Moldova bħala riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-Regolament għandu l-għan li jżid il-flussi kummerċjali għall-importazzjonijiet kollha mill-Moldova billi jissospendi t-tariffi u d-dazji tal-importazzjoni pendenti kollha applikati għall-prodotti tal-Moldova. Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ jingħataw fil-forma ta' sospensjoni sħiħa tad-dazji tal-importazzjoni fuq il-prodotti kollha.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra² (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni”), jikkostitwixxi l-bażi tar-relazzjoni bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE³, it-Titolu V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jirrigwarda l-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016, wara r-ratifika mill-Istati Membri kollha.
- (2) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jesprimi x-xewqa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (il-“Partijiet”) li jsaħħu u jwessgħu r-relazzjonijiet b'mod ambizzjuż u innovattiv, li jiffaċilitaw u jiksbu integrazzjoni ekonomika gradwali, u li jagħmlu dan f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija tal-Partijiet fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
- (3) L-Artikolu 143 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprovdi għall-istabbiliment progressiv ta' żona ta' kummerċ ħieles bejn il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali tal-1994 dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (“GATT 1994”). Għal dan il-għan, l-Artikolu 147 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-eliminazzjoni progressiva tad-dazji doganali f'konformità mal-Iskedi inklużi f'Anness XV tal-

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

² ĠU L 260 tat-30.8.2014, p. 4.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/492/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 260, 30.8.2014, p. 1).

Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-possibbiltà li l-ambitu ta' tali eliminazzjoni jitħaffef u jitwessa'.

- (4) Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022 kellha impatt negattiv profund fuq il-kapaċità tar-Repubblika tal-Moldova li tagħmel kummerċ mal-bqija tad-dinja, b'mod partikolari minħabba li l-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Moldova kienu jiddependu fuq it-tranżitu mit-territorju Ukren u fuq l-infrastruttura Ukrena, li bħalissa fil-biċċa l-kbira mhumiex disponibbli. Taħt ċirkostanzi kritiċi bħal dawn u biex jittaffew l-effetti negattivi fuq l-ekonomija tar-Repubblika tal-Moldova tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa neċessarju li jitħaffef l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi eqreb bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova u li jkompli jingħata appoġġ lill-ekonomija tar-Repubblika tal-Moldova. Huwa għalhekk neċessarju u xieraq li jibqgħu jiġu stimulat i-flussi kummerċjali u li jingħataw konċessjonijiet fil-forma ta' miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għall-prodotti kollha f'konformità mal-aċċellerazzjoni tal-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija meħtieġa tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha. Skont l-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika kummerċjali komuni trid titwettag fil-kuntest tal-prinċipji u l-oġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 2023/1524 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ se jiskadi fl-24 ta' Lulju 2024.
- (7) Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stabbiliti bir-Regolament kurrenti jenħteġ li jieħdu l-forma li ġejja: (i) is-sospensjoni tal-applikazzjoni tas-sistema ta' prezzijiet ta' dħul għall-frott u l-ħxejjex; u (ii) is-sospensjoni tal-kwoti tariffarji u tad-dazji tal-importazzjoni kollha. Permezz ta' dawn il-miżuri, l-Unjoni se tapprofondixxi l-integrazzjoni ekonomika bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Unjoni u ttipprovi temporanjament appoġġ ekonomiku xieraq għall-benefiċċju tar-Repubblika tal-Moldova u l-operaturi ekonomiċi li huma affettwati bil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.
- (8) Sabiex jiġi evitat il-frodi, jenħteġ li l-jedd għall-miżuri tal-kummerċ stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament ikun kundizzjonali fuq li r-Repubblika tal-Moldova tkun ikkonformat mal-kundizzjonijiet rilevanti kollha biex jinkisbu l-benefiċċji skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inklużi r-regoli tal-orijini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, kif ukoll l-involvement tar-Repubblika tal-Moldova f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (9) Jenħteġ li r-Repubblika tal-Moldova żżomm lura milli tintroduċi dazji jew imposti ġodda li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għall-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Unjoni, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kwalunkwe restrizzjoni oħra,

⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/1524 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 1).

sakemm dan ma jkunx iġġustifikat b'mod ċar fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fil-każ li r-Repubblika tal-Moldova tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe waħda minn dawk il-kundizzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tissospendi temporanjament il-miżuri ta' kummerċ kollha jew parti minnhom stabbiliti minn dan ir-Regolament.

- (10) L-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi li, fost affarijiet oħra, l-osservanza tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, materjali relatati u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Skont l-istess Artikolu, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom b'mod partikolari favur il-prinċipji ġenerali li ġejjin: ir-rispett għall-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-attivitajiet kriminali, organizzati jew le, inklużi dawk ta' karattru tranżnazzjonali, u t-terroriżmu, u r-rispett għall-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv. Huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġu sospiżi temporanjament il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament jekk ir-Repubblika tal-Moldova tonqos milli tirrispetta jew dawk l-elementi essenzjali jew dawk il-prinċipji ġenerali.
- (11) Soġġett għal valutazzjoni mill-Kummissjoni mwettqa fil-kuntest tal-monitoraġġ regolari tal-impatt ta' dan ir-Regolament u mnedija jew wara talba debitament sostanzjata minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li tittieħed kwalunkwe miżura meħtieġa għall-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li qed jaffettwaw b'mod negattiv is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament.
- (12) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tissospendi temporanjament l-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament jekk il-kundizzjonijiet għall-intitolament għal dawk l-arranġamenti preferenzjali ma jibqgħux jiġu rrispettati u biex tintroduċi salvagwardji f'każijiet fejn is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament jiġu affettwati b'mod negattiv mill-importazzjonijiet skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Il-proċedura konsultattiva jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja provviżorji, minħabba l-effetti u n-natura ta' dawk il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi.
- (13) Jenħtieġ li r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, li hija parti integrali mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament.
- (14) Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni relatata mas-sitwazzjoni kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-TFUE u mat-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

- (15) Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika fir-Repubblika tal-Moldova u tal-iskadenza tar-Regolament (UE) 2023/1524 fl-24 ta' Lulju 2024, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2024,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li ġejjin huma introdotti:

- (a) il-kwoti tariffarji kollha stabbiliti skont l-Anness XV-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu sospiżi u l-prodotti koperti minn dawk il-kwoti għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni mir-Repubblika tal-Moldova mingħajr ebda dazju doganali;
- (b) l-applikazzjoni tas-sistema ta' prezzijiet ta' dħul għandha tiġi sospiża għal dawk il-prodotti li għalihom tapplika kif speċifikat fl-Anness XV-B tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni; l-ebda dazju doganali ma għandu japplika għall-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet għall-intitolament għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-konformità tar-Repubblika tal-Moldova mar-regoli tal-orijini tal-prodotti u l-proċeduri relatati magħhom, kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- (b) li r-Repubblika tal-Moldova tastjeni milli tintroduċi dazji jew imposti ġodda li jkollhom effett ekwivalenti u restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għal importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti jew milli tintroduċi kwalunkwe restrizzjoni oħra, inklużi miżuri diskriminatorji amministrattivi interni, sakemm dan ma jkunx iġġustifikat b'mod ċar fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; kif ukoll
- (c) li r-Repubblika tal-Moldova tirrispetta l-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, materjali relatati u l-mezzi ta' twassil tagħhom, ir-rispett għall-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-attivitajiet kriminali, organizzati jew le, inklużi dawk ta' karattru tranżnazzjonali, u t-terroriżmu, u tirrispetta l-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u l-multilateraliżmu effettiv previsti fl-Artikoli 2, 9 u 16 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 3

Sospensjoni temporanja tal-miżuri

1. Fejn il-Kummissjoni ssib li hemm biżżejjed evidenza ta' nuqqas ta' konformità mir-Repubblika tal-Moldova mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, hija tista',

permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tissospendi kompletament jew parzjalment il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stipulati f'dan ir-Regolament. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(3).

2. Meta Stat Membru jitlob li l-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament abbażi ta' nuqqas mir-Repubblika tal-Moldova li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, il-punt (b), il-Kummissjoni għandha tipprovdi opinjoni motivata fi żmien erba' xhur mit-talba dwar jekk il-pretensjoni ta' nuqqas ta' konformità tar-Repubblika tal-Moldova hijiex sostanzjata. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-allegazzjoni tkun sostanzjata, għandha tagħti bidu għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 4

Miżuri ta' salvagwardja

1. Jekk prodott kopert mill-Artikolu 1 li joriġina fir-Repubblika tal-Moldova jiġi importat taħt kundizzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wiehded jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament, il-Kummissjoni tista' timponi kwalunkwe miżura li tkun meħtieġa permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(3).

Dawn il-miżuri jistgħu jiġu imposti sakemm ikun meħtieġ biex jikkontrobattu l-effetti negattivi fuq is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wiehded jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament.

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja regolarment l-impatt ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tqis l-informazzjoni dwar l-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet, il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni jew fis-suq ta' Stat Membru wiehded jew aktar u l-produttjoni tal-Unjoni tal-prodotti soġġetti għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ skont l-Artikolu 1, il-punt (a).

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ regolari kull xahrejn, minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni jew tas-suq ta' Stat Membru wiehded jew aktar għal prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta biex timponi miżuri skont il-paragrafu 1. Dik il-valutazzjoni għandha titnieda:

- (a) wara talba sostanzjata kif xieraq minn Stat Membru li tinkludi biżżejjed evidenza *prima facie* disponibbli b'mod raġonevoli għal dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 4 ta' importazzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv lis-suq imsemmi fil-paragrafu 1, jew
- (b) fuq l-inizjattiva tagħha stess, wara li jkun ħareġ biċ-ċar għall-Kummissjoni li hemm biżżejjed evidenza *prima facie* ta' importazzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv lis-suq imsemmi fil-paragrafu 1.

Il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi konkluda fi żmien erba' xhur mit-tnedija tagħha.

4. Fit-twettiq tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tqis l-iżviluppi rilevanti kollha tas-suq, inkluż l-impatt tal-importazzjonijiet ikkonċernati

fuq is-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni jew tas-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi fatturi bħal:

- (a) ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Moldova tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi,
- (b) l-effett tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq il-produzzjoni u l-prezzijiet fl-Unjoni jew fi Stat Membru wieħed jew aktar, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra.

Din il-lista mhix eżawrjenti u fatturi rilevanti oħra jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati.

- 5. F'ċirkostanzi kritiċi fejn id-dewmien jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa, il-Kummissjoni tista' timponi b'mod provviżorju kwalunkwe miżura li tkun meħtieġa permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Tali miżuri jistgħu jiġu imposti biss fuq talba debitament sostanzjata minn Stat Membru skont il-paragrafu 3(a) ta' dan l-Artikolu u għandhom jiġu adottati fi żmien 21 jum wara li tkun waslet it-talba. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(4). It-tul ta' żmien ta' miżura ta' salvagwardja provviżorja ma għandux jaqbeż il-120 jum.
- 6. Meta, bħala riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tqis li s-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament ikun ġie affettwat ħażin u jkollha l-ħsieb li timponi miżura definittiva skont il-paragrafu 1, hija għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jħabbar l-introduzzjoni ta' tali miżuri. L-avviż għandu jipprovdi sommarju tar-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni u jispeċifika l-perjodu li fih il-partijiet interessati jistgħu jissottomettu l-fehmiet tagħhom bil-miktub. Dan il-perjodu ma għandux jeċċedi għaxart ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.
- 7. Jekk il-Kummissjoni timponi miżura skont il-paragrafu 1 jew 5 li tintroduċi mill-ġdid kwota tariffarja sospiża mill-Artikolu 1, il-punt (a), il-kwantità importata matul is-sena kalendarja li fiha l-Kummissjoni timponi dik il-miżura għandha titqies fil-ġestjoni ta' dik il-kwota tariffarja.

Artikolu 5

Proċedura ta' Kumitat

- 1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 285(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ fir-rigward tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- 2. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit bl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv għandu jinkludi valutazzjoni fid-dettall tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament u għandu jinkludi, sa fejn ikun xieraq, valutazzjoni tal-impatt soċjali ta' dawk il-miżuri fir-Repubblika tal-Moldova u fl-Unjoni. L-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti skont l-Artikolu 1, il-punt (a), għandha tkun disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni u għandha tiġi aġġornata kull xahar.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2024.

Huwa għandu japplika sal-24 ta' Lulju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU LIMITAT ESKLUSSIVAMENT FUQ IN-
NAĦA TAD-DĦUL

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimenta l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Moldova, min-naħa l-oħra.

2. LINJI BAĠITARJI:

Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont ibbaġittjat għas-sena 2024: **24 620 400 000 €**

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul – l-effett huwa kif ġej:

Linja baġitarja	Dħul	Perjodu: parti mill-2024 - parti mill-2025* (miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda)
Artikolu 120 Kapitolu 12 ¹	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	0,3
Totali		

* Perjodu ta' sena mid-dħul fis-seħħ tar-regolament

Il-kalkoli huma bbażati fuq il-volumi ta' importazzjoni tal-2021 tal-prodotti koperti mir-Regolament propost li jaqbżu l-kwota annwali mingħajr dazju. L-2021 kienet l-aħħar sena qabel ma ġew introdotti l-miżuri kummerċjali awtonomi.

Abbażi tal-kalkoli ta' hawn fuq, it-telf tad-dħul mir-riżorsi proprji tradizzjonali mir-Regolament propost huwa stmat għal EUR 0,366 miljun (ammont gross, inklużi l-kostijiet tal-ġbir) x 0,75 = EUR 0,274 miljun għall-perjodu inkwistjoni.

¹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, imposti taz-zokkor, dazji doganali) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis tal-25 % tal-kostijiet tal-ġbir.

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Sabiex jiġi evitat il-frodi, jenħtieġ li l-jedd għall-miżuri kummerċjali awtonomi stabbiliti permezz tar-Regolament propost ikun kundizzjonali fuq il-fatt li l-Moldova tkun ikkonformat mal-kundizzjonijiet rilevanti kollha biex jinkisbu l-benefiċċji skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluż ir-regoli tal-orijini tal-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, kif ukoll l-involvement tal-Moldova f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.